**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 09 ta' Jannar 2025**

**Rikors Numru 356/2024**

Maurizio u Mary Therese konjugi Galea

-vs-

Vanessa Demicoli

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Maurizio Galea et** fis- 7 ta' Awwissu 2024, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

*Illi permezz ta' skrittura privata datata 13 ta' Mejju 2023 (Dok. A) ir-rikorrenti Mary Therese Galea kriet lill-intimata Vanessa Demicoli il-fond Apartment 8, Sunny Side Apartments, 118, Triq Luigi Fontana, Ħaż-Żebbuġ, Malta flimkien mal-garaxx numru 3 li jinsab fl-istess blokk ta' apartamenti u liema immobbli jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn ir-rikorrenti.*

*Illi l-imsemmija lokazzjoni intemmet u l-intimata m'għadhiex tokkupa l-imsemmi apartament u garaxx,*

*Illi, però, l-intimata għad għandha tagħti lir-rikorrenti s-somma ta' sebat elef erba' mija u tmienja u erbgħin Euro (€7,448.00) inkwantu għas-somma ta' €6,410.00 arretrati ta' kera għall-imsemmija apartament u garaxx u inkwantu għall-bilanċ ta' €1,038.00 għas-servizz ta' ilma u dawl u konsum ta' l-istess*

*utillizzati mill-intimata mill-imsemmija fondi fiż-żmien meta hija kienet tokkuphom b'titolu ta' kera.*

*Illi interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-imsemmi dejn, l-intimata baqgħet inadempjenti.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premesssi l-esponenti jitolobu bir-rispett kollu illi dan ir-Rispettabbli Bord jogħġbu jikkundanna lill-intimata sabiex tħallashom is-somma ta' sebat elef erba' mija u tmienja u erbgħin Euro (€7,448.00) fuq imsemmija rappreżentanti arretrati ta' kera u rifużjoni ta' flus sborżati mir-rikorrenti għal servizzi u konsum ta' dawl u ilma kif fuq spjegat.*

*Bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors.*

Ra illi l-intimata Vanessa Demicoli ma ppreżentat ebda risposta;

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti Therese Galea;

Ra li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrenti kienu krew lill-intimata l-fond Appartament 8, Sunny Side Apartments, 118, Triq Luigi Fontana, Ħaż-Żebbug flimkien ma' garaxx li kien jinsab fl-istess blokk ta' appartamenti, u dana permezz ta' skrittura privata datata 13 ta' Mejju 2023.[1]

Illi għalkemm l-imsemmija kirja kienet għal perjodu mit-13 ta' Mejju 2023 sat-12 ta' Mejju 2026, jirriżulta li l-istess intemmet.

Minn dak li xehdet ir-rikorrenti jirriżulta illi l-intimata għad baqgħalha tħallas xi arretrati fl-ammont ta' sebat elef, erba' mija u tmienja u erbgħin Ewro (€7,448.00) inkwantu sitt elef, erba' mija u għaxar ewro ( €6,410.00) arretrati ta' kera u inkwantu għall-bilanċ ta' elf u tmienja u tletin Ewro (€1,038.00) għas-servizz ta' ilma u dawl u konsum utillizzati mill-

[1] Dokument A a fol. 3

intimata waqt il-perjodu li kienet tokkupa l-fond in kwistjoni. Ir-rikorrenti xehdet illi hija kienet talbet diversi drabi lill-intimata sabiex tħallas l-ammont pendenti pero` hija baqgħat inadempjenti.

Illi wara li l-Bord ikkunsidra l-provi mressqa, senjatament il-kuntratt ta' kera tal-fond in kwistjoni u wkoll ix-xhieda tar-rikorrenti, iqis li t-talba tar-rikorrenti ġiet ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Bord, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimata Vanessa Demicoli tħallas is-somma ta' sebat elef, erba' mija u tmienja u erbgħin Euro (€7,448.00) rappreżentanti arretrati ta' kera u rifużjoni ta' flus sborżati mir-rikorrenti għal servizzi u konsum ta' dawl u ilma.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata u bl-imgħaxijiet legali mis-7 ta' Awwissu 2024 sal-pagament effettiv.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

______________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**